MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 45/2007

**Ramona Frendo**

**-vs-**

**Franklin Cachia u Chairman Korporazzjoni Enemalta u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2007 is-socjeta' Elmo Insurance Limited (C3500) interveniet fil-kawza in statu et terminis u b'digriet tal-11 ta' Jannar 2008 Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in-rappresentanza tas-socjeta' estera assikuratrici American Home Assurance Company interveniet fil-kawza in statu et terminis.**

**Il-Qorti**

**Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li permezz tieghu ppremettiet :**

1. Illi fis-16 ta’ Jannar 2005, f’Hal Far waqt illi l-konvenut Cachia kien qed isuq il-vettura tal-marka Opel Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni OPE 113, u l-attrici kienet passiggiera fl-istess vettura, il-partijiet sfaw involuti f’incident awtomobilistiku meta l-konvenut habat f’arblu tad-dawl, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

2. Illi l-arblu tad-dawl, li mieghu sehh l-impatt, kien posizzjonat fin-nofs tat-triq li fiha kien qed isuq il-konvenut Cachia, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

3. Illi per konsegwenza ta’ dan l-incident l-attrici garrbet griehi fuq il-persuna taghha u sofriet debilita’ permanenti, kif gie certifikat minn Mr. Ivan Esposito, MD, FRCS, u Francis X. Darmanin, MD, FRCSI; u

4. Illi per konsegwenza ta’ dan l-incident, l-esponenti sofriet danni konsistenti f’*damnum emergens* u *lucrum cessans*, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

5. Illi ghal dan l-incident jahtu unikament il-konvenuti, jew min minnhom, u dan minhabba negligenza; u

6. Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u konsegwenzjali hlas ta’ danni sofferti mill-esponenti, huma baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta’ Jannar 2005 f’Hal Far u ghad-danni kollha li sofriet l-attrici per konsegwenza ta’ l-istess incident.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, okkorrendo bl-opera ta’ Periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attrici dan l-ammont li jigi likwidat u dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra interpellatorja datata 22 ta’ Awwissu 2005 u ta’ l-ittra ufficjali datata 28 ta’ Dicembru 2006, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tac-Chairman Korporazzjoni Enemalta a fol. 22 fejn espona bir-rispett** l-Ing. Alexander J. Tranter, Chairman Korporazzjoni Enemalta debitament awtorizzat ex lege, li bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-Korporazzjoni konvenuta mhijiex assolutament responsabbli ghall-incident riferit li sehh unikament minhabba t-traskuragni, non kuranza u nuqqas ta’ attenzjoni u prudenza tas-sewwieq;

2. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza huwa ben car li l-incident sehh unikament ghax is-sewwieq kien qed isuq f’mod sregolat u abuziv u mhux ai termini tal-Kodici ghat-Traffiku fit-triq;

3. Illi hu ben car illi kieku s-sewwieq, Franklin Cachia, kien qieghed izomm *a proper look out* u jsuq f’mod approprjat ghac-cirkostanzi tal-kaz l-incident in kwistjoni qatt ma kien isehh;

4. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi fl-ebda mod il-Korporazzjoni Enemalta m’ghandha titqies responsabbli ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-talba attrici bhala nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt fil-konfront ta’ l-Enemalta, bl-ispejjez.

**Rat ir-risposta ta' Franklin Cachia a fol. 26** fejn espona bir-rispett u bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Franklin Cachia ghandhom jigu michuda bl-ispejjez b'kollox stante illi l-incident imsemmi ma sehhx tort tieghu;

2. Illi kif ghandu jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza l-incident sehh minhabba n-nuqqas, negligenza u traskuragni tal-Korporazzjoni Enemalta ghal diversi ragunijiet kif ser ikun ippruvat.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost il-konvenut Franklin jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu, bl-ispejjez.

**Rat ir-risposta tas-socjeta' Montaldo Insurance Agency Limited,** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Insurance Company bhala intervenuta fil-kawza a fol. 73 fejn wiegbet li:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante:

1. Illi l-incident sehh unikament minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieq Franklin Cachia;

2. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess is-socjeta' esponenti l-esponenti m'ghandhom jaghtu ebda ammont lir-rikorrenti;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-noti tal-partijiet.

**Fatti**

Illi r-rikorrenti kienet riekba fil-karozza misjuqa mill-intimat Franklin Cachia li kien qed iwassalha d-dar. Huma kienu sejrin lejn Hal-Far ghaddejjin minn fejn hemm il-fabbrika tal-Playmobil fejn hemm ATM tal-BOV. Warajhom kien hemm karozza ohra misjuqa minn habib ta’ Cachia, certu Stephen Bonavia. L-intimat kien qed isuq fil-parti ma’ gemb *containers* li hemm pustjati f’dik il-lokalita’. Kif kien ghaddej minn hemm Cachia spicca mahbut go arblu li kien hemm fit-triq. Fl-incident ir-rikorrenti sofriet debilita’ permanenti, inkluz sfregju f’wiccha. Hi qed tfittex lid-driver u lill-kumpanija Enemalta ghad-danni li hi sofriet minhabba dana l-incident.

**Kontestazzjoni**

L-intimat Cachia jsostni li hu m’ghandu ebda tort ghall-incident billi hu ma setghax ikun jaf li se jsib arblu f’nofs it-triq li kien bla dawl u f’post dlam cappa.

L-intimati Enemalta isostnu l-incident gara unikament minhabba nuqqas ta’ attenzjoni u *proper look out* tas-sewwieq Franklin Cachia li saq b’mod mhux approprjat ghac-cirkostanzi tal-kaz. Jirritjenu wkoll li l-arblu kien imwahhal il-gewwa mill-bordura tat-triq u dana kif jidher mill-pjanta EN1 a fol. 102 li turi l-liwja naturali tat-triq fejn l-arblu jidher li mhux qieghed fir-rotta tal-karozzi. Ghalhekk isostnu li biex habat, l-intimat Cachia bil-fors li qabez il-bordura tat-triq u hareg mill-karreggjata riservata ghall-karozzi.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi f’dana l-kaz il-Qorti trid tiddeciedi jekk l-incident garax minhabba l-posizzjoni ta’ l-arblu jew inkellha minhabba n-nuqqas ta’ attenzjoni u sewqan mhux approprjat tas-sewwieq Cachia.

Ibda biex, f’dan l-incident ir-rikorrenti ma kellha ebda tort. Hija kienet passiggiera fil-karozza ta’ l-intimat Cachia u

kienet liebsa s-seatbelt. Sfortunatament fin-naha taghha ma kienx hemm *airbag.*

Responsabbilita tas-socjeta' intimata

Illi skond is-surgent li investiga dana l-incident l-arblu li dahal fih l-intimat Cachia kien tnax il-metru l-barra mill-bankina li hemm fejn l-ATM tal-Bank of Valletta f'area kbira hafna (*ex airfield*). L-arblu kien bla dawl, kien wahdu fin-nofs, minghajr ebda senjalazzjoni mieghu (ez., centre strip jew zebgha fuq l-arblu). L-incident sehh f'Jannar f'xi tmienja, tmienja u nofs ta' fil-ghaxija u l-post fejn gara l-incident kien dlam cappa. Wara l-incident sar rapport mill-pulizija dwar il-perikolu li kien hemm minhabba dan l-arblu u ta' l Enemalta l-ewwel kienu ghamlu sinjali biz-zebgha fuq l-arblu sakemm nehhew l-*overhead cables* li kienu ghaddejin minn fuq l-arblu, imbaghad wara nehhew l-arblu ghall-kollox. Skond is-surgent l-arblu kien ta' perikolu anke kif kien biz-zebgha b'kollox.

Is-socjeta' intimata tikkontendi li l-arblu kien essenzjali biex ighaddu l-linji ta' l-elettriku u li l-arblu ma setghax isir aktar lura. Qabel kien hemm fence fejn l-arblu izda dana l-fence kien tnehha u baqa' l-arblu wahdu.

Il-Qorti tirrileva li wara l-incident is-socjeta intimata kienet l-ewwel ghamlet sinjali fuq l-arblu minhabba l-perikolu ovvju li kien hemm u wara nehhietu ghal kollox ghalhekk ma jistax jinghad li dak l-arblu bil-fors kellu jitqieghed hemm u ma kienx hemm post iehor fejn iqeduh. Il-Qorti tirrieleva wkoll li meta tnehha l-fencing li kien hemm fejn l-arblu, dana thalla wahdu minghajr senjalazzjoni u bla dawl.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li s-socjeta' ghandha tort ghall-incident li gara billi halliet arblu, bla dawl u minghajr senjalazzjoni mieghu fin-nofs ta' area minn fejn ighaddu l-vetturi. L-arblu holoq ostakolu u perikolu ghall-utenti tat-triq.

Responsabbilita’ ta’ l-intimat Cachia

L-intimati Enemalta jikkontendu li t-tort kien tad-driver Cachia billi dana qabez il-bordura naturali tat-triq u hareg mir-rotta riservata ghall-karozzi.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-area fejn gara l-incident hu *ex airfield* u ma jistghax jinghand li hemm toroq vera u proprja f’dik il-lokalita’. Inoltre il-bordura li qed isemmu l-intimati hija effettivament il-parti oskura minn fejn ighaddu l-karozzi kif jidher mir-ritratti (ara ritratt CC5X). F’dan ir-ritratt jidhru partijiet ohra f’dika l-area li jistghu jintuzaw ukoll bhala triq. Di piu wiehed li ma jkunx familjari mal-post u ambjent u jkun qed isuq fid-dlam u isegwi r-rotta fejn tpoggew il-containers facilment li ma jindunax li hemmhekk hemm liwja lejn il-lemin u minflok jibqa’ sejjer ghad-dritt u jsib ma’ wiccu l-arblu. Barra minn hekk mhux bilfors sewwieq irid jigbed lejn il-lemin billi hu jista jaghzel li jisker lejn ix-xellug kif jidher li jista’ jaghmel skond ir-ritratt CC5X u hemm isib l-arblu ma wiccu ukoll specjalment bil-lejl meta ma jkunx hemm dawl sufficjenti (ara ritratti a fol. 85 sa 94).

Il-Qorti trid pero’ tara jekk l-intimat Franklin Cachia jahtiex ukoll ghal dak li gara billi wiehed kien jistenna li dana kellu jinduna b’arblu kieku kien qed izomm a proper look out.

Ma ngabitx prova li l-intimat Cachia kien ghaddej b’xi speed eccessiv jew li kien taht l-effett ta’ l-alkohol.

Fil-fehma tal-Qorti pero’ l-intimat jahti wkoll billi huwa naqas milli jzomm *a proper look out* biex janticipa u jevita l-incident*.* Illi *proper look out* hija ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares ‘l quddiem jew li jkollu viswali cara izda s-sewwieq irid ikollu “*an awareness of his immediate vicinity*” u cjoe li s-sewwieq irid ikun jaf x’qed jigri madwaru u mhux semplicement ihares ‘l quddiem b’mod cass jew isuq bil-mod.[1] F’kaz bhal dan tibqa’ dejjem valida t-twissija illi hu obbligu ta’ kull driver li jirregola s-sewqan

[1] (Ara wkoll P. Spiteri vs R.Caruana App. 5/10/98; Maria Vella Galea vs Oreste Sammut App. 5/10/98; Dr. Remigio Zammit Pace noe vs T. Catania P.A. 26/11/87; Dr. Remigio Zammit Pace vs C.Grima App. Inf. 16/5/97; A. Gatt vs M. Shephard App. Inf. 7/5/98).

skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi, bhal ma huma l-hin ta’ bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat ta’ l-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontingenti.[2] Fin-nuqqas sewwieq ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident.

Illi mix-xhieda ta’ l-intimat Cachia jirrizulta li dana kien induna bl-arblu ezatt ftit qabel ma wasal mieghu, qiesu distanza ta’ karozza. Hu fil-fatt bil kemm kellu opportunita’ li jibbrekja ghax kien inhasad u kemm ipprova jiehu *evasive action.* L-intimat ma rahx dana l-arblu minkejja li hu jghid li kellu d-dawl tal-karozza mixghulin. Ghalkemm hu xehed li ma xeghlex il-*bright* minhabba l-karozzi l-ohra, izda fl-istess hin ighid ukoll li dak il-hin ma kienux gejjin karozzi mid-direzzjoni opposta. Hu ma xeghelx il-*bright* avvolja l-post kien dlam cappa, u skond hu, ma kienx familjari mal-lokalita’ billi kien ghadda darba biss qabel. Hawn ighodd il-monitu tal-Highway Code para. 112 “*At night time always drive well within the limits of your lights so that you may stop in time if necessary*”.

## Konkluzzjoni

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident in kwistjoni gara tort taz-zewg intimati. Din ir-responsabilita’ ghandha tkun in solidum peress illi ma jistax jigi stabbilit bil- preciz il-bicca tal-hsara lir-rikorrenti li kull wiehed mill-intimati kkaguna (art. 1050 (1) Kap. 16, izda biss fir-relazzjoni bejn l-intimati, s-socjeta’ intimata ghandha terfa’ aktar piz (zewg terzi) billi n-nuqqas taghha kien il-fattur principali, ghalkemm mhux uniku, ghall-incident. L-intimat Cachia ghandu jerfa’ terz tar-responsabbilita’. Jibqa’ mpregudikat id-dritt tar-rikorrenti li titlob is-somma kollha minghand kull min trid mill-intimati li ser jigu kkundannati n-solidum.

## Danni

Illi r-rikorrenti ipprezentat zewg rapporti medici li jiccertifikaw li hi spiccat tbati minn debilita’ permanenti

[2] (Ara Vol. XLVI pI p.112).

kawza ta' dana l-incident. Fir-rapport ezibit a fol 9 tal-process mahrug minn Mr. Francis X. Darmanin, *plastic surgeon*, inghatat debilita' ta' 5% ghal *facial scar* u 13% ghal *right Lower limb scars*, b'total ta' Permanent Disability ta' 18%. Din id-debilita' hi biss mill-aspett fisiku mhux psikologiku. Ir-rikorrenti pprezentat ukoll rapport iehor ta' Mr. Ivan Esposito, *Orthopaedic Surgeon* a fol. 5 li jiccertifika li r-rikorrenti ghandha debilita' ta' 10%.

Illi fil-kaz fejn persuna jkollha debilita' permanenti li tkun ikkwantifikata b'aktar minn percentwali wahda, bhalma hu f'dana l-kaz, ghandu jittiehed dak li hu maghruf bhala "*weighted average*". Illi ghalhekk meta l-Qorti tikkomputa d-dizabilita` totali din trid tigi konsiderata in relazzjoni mall-persuna fizika shiha minghajr ebda presunzjoni minn qabel li multiplicita` ta' feriti jigu komputati komplessivament. F'kazijiet simili ghandu jittiehed bilanc fir-rizultanzi ta' l-esperti medici biex dan ikun jirrifletti ahjar is-sitwazzjoni reali. Illi "dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' nkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effetti li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat.[3] F'dan il-kaz il-Qorti se tieghu average ta' 20%.

Illi skond id-dokumenti a fol. 47-59 ezebiti mir-rikorrenti, fl-2006 hija kienet idahhal paga gross ta' Lm3,500 fis-sena. Billi r-rikorrenti ghadha ta' eta' zghira u ghad fadlilha hajja lavorattiva pjuttost twila quddiemha l-introjtu taghha ghandu jiehu in konsiderazzjoni z-ziedet ghall-gholi tal-hajja. Id-danni ghalhekk se jigu komputati a bazi ta' salarju ta' Lm4,500 fis-sena.

Kwantu ghall-multiplier, ir-rikorrenti kellha tmintax-il sena meta gara l-incident. Fil-kalkolu tal-*multiplier* wiehed ghandu dejjem jaghti kaz il-kontingenzi tal-hajja futura, u ghalhekk il-*multiplier* m'ghandux bil-fors ikun wiehed li jwassal lill-vittma sa l-eta' ta' l-irtirar. F'dan il-kaz il-Qorti se tahdem fuq *multiplier* ta' 38 sena.

---

[3] Ara decizjonijiet "Mark Caruana – vs- Grazio Camilleri", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1993; P.A. Bartolo vs Zammit, 30 ta' April 2001, u P.A. Degiorgio vs De Crema, 28 ta' Jannar 2004).

Kwantu ghall-*Lump sum deduction* l-Qorti mhiex ser taghmel ebda tnaqqis billi ghaddew biss sentejn minn meta nfethet il-kawza.

Ghalhekk is-somma qed tinhadem hekk:

Lm4,500 x 38 = Lm171,000
20% dizabilita' = Lm34,200

**Decizjoni.**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa t-talbiet tar-rikorrenti;
tiddikjara lill-intimati it-tnejn responsabbli ghall-incident in kwistjoni, in kwantu ghal terz ghall-intimat Franklin Cachia u zewg terzi ghas-socjeta' intimata.
Tillikwida d-danni fl-ammont ta' **Euro79,664.57;**
Tikkundanna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;
Bl-ispejjez kontra l-intimati u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------